Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Numru. 1128/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**KONTRA**

**MIGUEL FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Miguel Falzon ta’ 23 sena, bin Michael u Jude nee’ Falzon, mwieled Ta’ Xbiex fil- 25 ta’ Awwissu 1988, residenti 12, Zahra, Flat 1, Triq il- Friefet Marsaskala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 466488M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Nhar it- 3 ta’ Settembru 2011, ghall- habta tas- 02.30hrs gewwa Triq Tal- Gardiel, Marsaskala, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara f’ vettura bin- numru GAN 863 ta’ ghamla Skoda Felicia, liema hsarat huma ta’ €215 ghad- dannu ta’ Mary Schembri;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni f’din il-kawza, ghalhekk il-Qorti qed issibu hati u tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza kontra tieghu. Irrisulta li l-kwistjoni kollha kienet wahda familjari, u llum tinsab solvuta. Il-Qorti giet infurmata li ma hemm l-ebda pendenzi bejn il-partijiet, u ghalhekk tara li l-piena idoneja ghandha tkun liberazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta;

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------